# IN-NIĊEĊ F'ĦAL TARXIEN

Joseph Mercieca

F'Malta u f'Għawdex insibu għadd kbir ta' niċeċ fil-ħitan tad-djar, pjazez u toroq. F'Ħal Tarxien ukoll għandna bosta niċeċ. Is-sena l-oħra tajna ħarsa lejn l-iktar niċċa popolari li għandna fir-raħal tagħna, dik li hemm fit-triq tal-barrani ddedikata lil Ommna Marija Annunzjata.

Din is-sena ħa nagħtu ħarsa lejn żewġ niċeċ oħra: dik tan-niċċa tal-Madonna fil-faċċata tal-Knisja Parrokkjali u dik tal-Madonna ta' Lourdes.

**IN-NIĊĊA TAL-MADONNA FIL-FAĊĊATA TAL-KNISJA PARROKKJALI:**
F'Ħal Tarxien l-eqdem niċċa li għandna hija dik tal-Madonna fil-faċċata ta' barra tal-Knisja Parrokkjali, li aktarx tgħodd mill-1630 meta saret il-faċċata tal-knisja għall-ewwel darba. Iżda din l-istatwa sabiħa kienet ġiet merfugħa, u tqiegħdet mill-ġdid fuq il-faċċata l-ġdida ta' l-istess knisja fis-seklu 18, u għadna ngawduha. Jingħad li oriġinarjament kienet fin-niċċa l-leminija tal-faċċata tal-knisja, waqt li fuq in-naħa xellugija, kien hemm l-istatwa ta' l-Anġlu Gabriel li ħadd ma jaf x'sar minnha. Għall-anqas fadal l-istatwa tal-Madonna li turina li b'idejha tistqarr li Hija l-qaddejja tal-Mulej. Din ma nafux min għamilha, imma Raff. Bonnici Calì, studjuż magħruf ta' l-arti Maltija jgħid li hija xogħol importanti għall-istorja ta' l-arti tagħna.

**IN-NIĊĊA TAL-MADONNA TA' LOURDES:**
Din in-niċċa fi Triq Sant'Anna wara l-knisja ta' San Bert saret fl-aħħar tas-seklu 18, meta l-qima lejn il-Madonna ta'Lourdes bdiet tinxtered f'Malta u fid-dinja kollha wara dehriet tal-Madonna lil Bernardina fl-1858. Kienet waħda mill-ewwel niċeċ bl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li kellna f'Malta. Kien żebagħha bil-libsa bajda u erħa kaħla Lorenzo Calì madwar l-1906 kif kienet dehret tassew il-Madonna lit-tifla fqira ġewwa Lourdes. Meta t-tfajla staqsiet lill-Madonna x'jisimha, il-Madonna weġbitha "Jien l-Immakulata Kunċizzjoni" allavolja dak inhar kienet il-festa tal-Lunzjata, fil-25 ta' Marzu u għalhekk in-nies ta' Ħal Tarxien raw bħal trabta bejn il-festa tagħhom tal-Lunzjata u l-festa ġdida tad-dehriet ta' Lourdes.

Sfortunatament din l-istatwa m'għadhiex hemm, iżda hemm oħra flokha li wkoll tirrappreżenta lill-Madonna ta' Lourdes. L-istatwa li hemm illum, (1991) jieħu ħsiebha sid id-dar, Dennis Fenech u nxtrat madwar 16-il sena ilu.

Fin-niċċa fuq in-naħa ta' fuq hemm xbiha ta' l-Ispirtu s-Santu. B'hekk din is-sena tajna ħarsa lejn żewġ niċeċ oħra li nsibu fir-raħal tagħna dik tal-Madonna fil-faċċata tal-knisja u tal-Madonna ta' Lourdes li tinsab wara l-kappella ta' San Bert.

*Referenzi: Vincent Battistino* - Ħal Tarxien
*Gatt Ġużè - Il-Malti;* Rafel Bonnici Calì - *Leħen is-Sewwa*